# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI
# MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)

**DISTRETT QORMI**
**Kawża Numru 3004/2023**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Kurt Pace**

**Illum, 2 ta' Frar, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Kurt Pace, bil-karta tal-identita' 0481286M, li permezz taghhom gie akkuzat talli:

*"...fil-ġurnata tat 18/03/2023 fil-ħinijiet ta 10:45hrs u wkoll f'xi ġranet u ħinijiet ta qabel ġewwa triq l-Isqof Scicluna Qormi u wkoll ġewwa stabbiliment kummerċjali bl-isem ta Paul ta Kalc Bakery ġewwa Triq l-Isqof Scicluna Qormi:*

1. *Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;*

2. *Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Paul Vella u Mary Anne Deguara;*

3. *Ħebbejt mingħajr ma drobt għal Mary Anne Deguara sabiex tinġurjaha, iddejaqha, jew tagħmilla ħsara b'xi mod;*

4. *Volontarjament ħassart jew għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli fuq vettura numru ta reġistrazzjoni MDD868 għamla KIA Stonic, liema ħsara tammonta għal aktar minn €250, iżda' anqas minn €2,500 għad-dannu ta' Mary Anne Deguara.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Paul Vella u Mary Anne Deguara skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali."*

Rat il-provi prodotti;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża;

Rat l-Artikoli indikati.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qieset ix-xhieda ta' Paul Vella, li spjega li da parti tiegħu, huwa ma għandux interess f'dan il-każ, u qed jirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Il-Qorti qieset ix-xhieda ta' Maryanne Deguara, li sostniet li fit-18 ta' Marzu, 2023, l-imputat kissrilha l-karozza. Sostniet li in fatti, dan seta' jiġi kkonstatat mill-filmati ta' CCTV. Qalet li dan ġie f'Ta' Kalċ Bakery, Qormi, u beda jkisser il-karozza tagħha, bin-numru ta' reġistrazzjoni MDD 868, preċiżament kissrilha l-mera tan-naħa tax-xufier. Fix-xhieda sostniet li l-imputat ma għajjarhiex u lanqas ma heddidha. Din il-Qorti lanqas ma tqis li tressqu xi provi mill-Prosekuzzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni.

Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx li l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ġew ippruvati.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din il-Qorti tqis li mill-filmat eżebit, hekk kif ikkoraborat minn Mary Anne Deguara, jirriżulta li din l-imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata. L-imputat jidher fil-filmat, jagħmel ħsara fuq vettura, liema vettura u liema persuna tal-imputat ġiet ikkonfermata minn Mary Anne Deguara, bħala li hija l-vettura tagħha u li hija l-persuna tal-imputat, rispettivament. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ressqet provi biżżejjed dwar il-ħsara volontarja.

Dwar il-kwantum tal-ħsara, ġie stabbilit li din tiżboq l-ammont ta' €250, iżda ma tissuperax l-ammont ta' €2,500. In fatti, l-ispejjeż relattivi għal din il-ħsara ġew ikkonfermati mix-xhud Sandro Cremona, li kkonferma li l-ammont kien ta' € 941, u kif ukoll kien hemm spejjeż ta' €50 għall-istima. Madankolu, id-dokumenti eżebiti bħala Dok D, juru ammonti differenti minn dak li xehed dwarhom Sandro Cremona.

Fl-istess sens kienet ix-xhieda ta' Luke Seychell, li sostna li l-ħsara kienet madwar €900. Stante li din il-Qorti ma għandhiex quddiemha l-ammont preċiż dwar il-kwantum tal-ħsara sofferta, hija mhijiex ser tagħti l-ebda ordni għall-ħlas ta' tali spejjeż, f'dan l-istadju. Din il-kwistjoni tibqa' impreġudikata għal kwalsiasi azzjoni ċivili li tista' tittieħed.

**Deċide**

**Għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti mhux qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**